**43. L-Onor. Julie Zahra, tipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-2022 sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta."

01.06.2022

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, sabiex l-arti tingħata rikonoxximent fil-Kostituzzjoni.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 sabiex jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta' Malta, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-Kostituzzjoni".

Sostituzzjoni tal-artikolu 8 tal-Kostituzzjoni.

**2.** L-artikolu 8 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Tmexxija 'l quddiem tal-kultura, tal-arti, eċċ.

**8.** L-Istat għandu jġib 'il quddiem l-iżvilupp tal-kultura, tal-arti u tat-tfittix xjentifiku u tekniku.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta' dan l-abbozz ta' liġi huwa sabiex l-arti tingħata r-rikonoxximent li jistħoqqilha fil-Kostituzzjoni ta' Malta, bħala l-ogħla liġi tal-pajjiż.

---

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Constitution of Malta, to ensure that the arts are given recognition in the Constitution.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:

**1.** The short title of this Act is the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2022, and this Act shall be read and construed as one with the Constitution of Malta, hereinafter referred to as "the Constitution". Short title.

**2.** Article 8 of the Constitution shall be substituted by the following: Substitution of article 8 of the Constitution.

"Promotion of culture, the arts, etc.

**8.** The State shall promote the development of culture, the arts and scientific and technical research.".

---

**Objects and Reasons**

The object of this bill is to give the arts the recognition it deserves in the Constitution of Malta, as the highest law of the country.

---